Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14797/23

LIMITE

COLAC 130
CFSP/PESC 1522
RELEX 1301
COHOM 215
CONOP 112
COTER 206
WTO 175
JAI 1452
DEVGEN 201
AGRI 698
TRANS 493
ENV 1274
ENER 611
ECOFIN 1157
EDUC 429
CULT 149
CLIMA 549
MIGR 380
ASEM 19

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Kolombja għal Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni<br>– Approvazzjoni |

1. Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jiftħu n-negozjati u jinnegozjaw Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Kolombja, inkluż id-direttivi annessi għan-negozjati (ST 11112/23 + ADD 1).

2. Id-Deċiżjoni rrakkomandata tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati ġew diskussi mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Amerka Latina u l-Karibew (COLAC) fil-laqgħat tiegħu tas-27 ta' Ġunju, l-4 ta' Lulju, is-26 ta' Settembru, u l-20 ta' Ottubru, ġew immodifikati biex jittieħed kont ta' għadd ta' aġġustamenti meħtieġa, u ġew approvati mill-COLAC fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2023.

   Fil-laqgħa tal-24 ta' Ottubru 2023, il-President ħa nota tal-appoġġ kbir għal ftehim imħallat.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

– jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Kolombja għal Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, kif tinsab, wara verifika mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument ST 14796/23;

– u jilħaq qbil dwar id-direttivi ta' negozjati tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, kif jinsabu fid-dokument ST 14796/23 ADD 1.

PUBLIC